PDF Compressor Pro

Fil-Kappella taċ-ċimiterju ta' Santa Marija, f'Victoria. Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Kappillan tal-Pulizija f'Għawdex, Mons. Emanuel Curmi. Jidhru wkoll l-Arċipriet tal-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ, Mons. Pawlu Cardona (lemin) u l-Kappillan tal-Korp fil-Gżejjer Maltin, is-Supritendent Patri Raymond Bonnici (xellug)

Jagħlqu f'Għawdex l-attivitajiet li jfakkru l-198 sena mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet, tal-198 sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija, nhar it-Tlieta 17 ta' Lulju, filgħaxija, fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, f'Victoria, il-Kappillan tal-Pulizija f'Għawdex, Mons. Emanuel Curmi, iċċelebra quddiesa flimkien mal-Kappillan tal-Korp is-Supritendent Patri Raymond Bonnici u l-Arċipriet Mons. Paul Cardona u wara Mons Curmi talab u bierek iż-żewġ oqbra tal-pulizija li hemm f'dan iċ-ċimiterju. Tpoġġew ukoll diversi kuruni tal-ward, fosthom mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, mis-Superintendent għal Għawdex Simon Galea, minn Wiġi Dimech, ir-rappreżentant f'Għawdex tal-Għaqda Pensjonanti tal-Pulizija kif ukoll tpoġġiet kuruna oħra f'isem il-Ministru tal-Intern.

Uħud minn dawk li kienu preżenti għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fil-Kappella taċ-ċimiterju. Jidhru fost l-oħrajn, il-Kummissarju John Rizzo flimkien mas-Sinjura tiegħu Cathrine, is-Superintendent għal Għawdex Simon Galea flimkien ma' martu Carmen li hi wkoll kuntistabbli, l-iSpetturi Frank Tabone u Bernard Spiteri

Glenn Sammut mir-Rabat, Malta u Colin Psaila mill-Mqabba, membri tal-Korp, daqqew il-*Last Post* u r-*Reveille.*

Aktar tard fil-Menqa f'Marsalforn, taħt il-presidenza tal-Aġent President ta' Malta, Anton Tabone, fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, John Rizzo u ta' Mons Isqof Mario Grech, ingħataw diversi wirjiet fosthom wieħed mill-*Precision Drill Team* taħt id-direzzjoni tal-iSpettur Stephen Mallia. Waqt li l-Banda tal-Korp taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur, l-iSpettur Anzjan Mro. Anthony Cassar tat kunċert.

L-Aġent President ta' Malta, Anton Tabone flimkien mas-Sinjura tiegħu, il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo u martu Catherine u Mons Isqof Mario Grech, kienu fost dawk li attendew għall-kunċert u 'displays' mill-Korp tal-Pulizija, fil-Menqa, Marsalforn

Marċ mill-banda tal-Pulzija fil-Menqa

MINN GĦAWDEX

ma' **Charles Spiteri**

Il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo jidher ipoġġi kuruna tal-ward fuq il-Mafkar tal-Pulzija fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija

Fiċ-ċimiterju. Il-'Last Post' u r-'Reveille', indaqqu mill-membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, Colin Psaila mill-Mqabba (xellug) u Glenn Sammut mir-Rabat, Malta.

Saret ukoll wirja mill-klieb tal-pulizija, waqt li kien hemm għall-wiri xi vetturi u muturi ġodda li l-korp akkwista għal Għawdex.

Matul il-ġurnata l-Għassa Ċentrali tal-Pulizija fir-Rabat infetħet għall-pubbliku, fejn wieĦed seta' jara x-xogħol li jsir u jitkellem ma' membri tal-Korp. F'din il-ġurnata f'Għawdex kienu preżenti wkoll tmien rekluti ġodda.

Display fil-Menqa mill-Precision Drill Team

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*

Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna